MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 243/2009

**W V**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u**
**l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati**
**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti T O V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Awissu 1999, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla li ghadha minuri; li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d],u dak ta' l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi dan iz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci, izda fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2011 iddikjara li jaderixxi mat-talba ta' l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-6 ta' Awissu 1999 stante li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Illi minn naha tieghu l-konvenut qed jaderixxi mat-talba attrici.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu gewwa l-Irlanda fis-6 ta' Awissu 1999, wara li kienu lhom jafu lil xulxin sentejn. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa hames snin l-attrici telqet mid-dar konjugali bit-tifel li twieled fiz-zwieg.

Jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, kienet iltaqghet mal-konvenut, cittadin Irlandiz, u bdew relazzjoni bejniethom. Fl-ewwel sena tar-relazzjoni huma kienu jzommu kuntatt bl-ittri, izda wara sena, l-attrici telghet l-Irlanda minn Malta, u hemm bdiet tikkonvivi mal-konvenut.

Anke f' dan il-perijodu kien jidher li l-konvenut kien jabbuza mill-alkohol, izda f' dak iz-zmien, peress li hu kien jghix gimgha Porthsmouth fuq xoghol, u gimgha ma' l-attrici, il-problema ma kienitx tidher daqshekk gravi ghall-attrici. Tant hu hekk, li wara sena jikkonvivu flimkien, il-partijiet izzewwgu.

Illi wara z-zwieg, u precizament wara sentejn tal-konvivenza matrimonjali, irrizulta car ghall-attrici li l-problema ta’ l-abbuz mill-alkohol da parti tal-konvenut kienet gravi hafna u kienet qed taffettwa serjament ir-relazzjoni taghhom u kienet ta’ tfixkil serju ghall-hajja matrimonjali; izda peress li l-attrici kienet thobb hafna lill-konvenut hija ghaddset rasha u kompliet fil-hajja konjugali mal-konvenut, u fl-4 ta’ Settembru 2002 twelid it-tifel tal-partijiet.

Illi kemm matul it-tqala, kif ukoll wara t-twelid tat-tifel, il-problema tal-konvenut bdiet tiddghajjef aktar. Eventwalment, l-attrici tghid, “ma flahtux aktar” u li l-istat ta’ sakra li kien ikun fiha ta’ spiss il-konvenut kienet “tkidni”. Ghalhekk hi telqet mill-Irland u nizlet lura Malta bit-tifel.

Illi, ghalkemm il-konvenut nizel ukoll Malta, il-problema tax-xorb baqghet, anzi, aggravat, ghax, kif spjegat minnu fix-xhieda tieghu, huwa Malta hassu “cut off”; kien izolat minhabba li Malti ma kienx jaf, u n-nies ta’ madwaru kienu jitkellmu bil-Malti biss; barra minnhekk huma kellhom television wiehed, u l-attrici kienet tara biss fuq l-istazzjonijiet Maltin u Taljani; ghalhekk huwa kien jghaddi z-zmien billi jmur jixrob fil-bars. Wara ftit, il-partijiet isseparaw.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f’ dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li mill-provi hareg car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali hu ma setghax jassumi l-obbligi matrimonjali essenzjali ghaz-zwieg, senjatament dawk naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied; u dan minhabba l-problema kbira li kellu ta’ abbuz minn xorb alkoholiku li kienet ta’ tfixkil ghal hajja matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi miqlugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Awissu 1999.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut, izda provvizorjament l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------